# Werrej


Il-kisba tan-nar ........ 5
Il-kaxxa ta' Pandora ........ 9
Persefone u l-bidu tal-istaġuni ........ 14
Il-ġrajja ta' Arakne (L-ewwel brimba) ........ 21
Eku u Narċisu ........ 26
Dajdalu u Ikaru (L-ewwel bniedem li tar) ........ 31
Bellerofon u ż-żiemel li jtir ........ 36
Is-sodda msaħħra ........ 42
Ir-Re Midas jew Kulma jmiss isir deheb ........ 47
L-avventuri ta' Persju ........ 52
Il-karozzella tax-xemx ........ 60
Teżeu u l-Minotawr ........ 64
Pigmaljon u martu ........ 69
Eros u Psike ........ 73
L-istorja taż-żummara ........ 81
Id-dwieb ta' Dijomede ........ 89
Jason u l-ġeżża suf dehbien ........ 100

# Il-kisba tan-nar

Ħafna u ħafna snin ilu, l-allat Griegi sew l-irġiel kif ukoll in-nisa, kienu joqogħdu fil-palazzi madwar il-qċaċet tal-muntanja Olimpus. Zeus, li kien l-alla tal-allat, kien għaref u kellu l-ikbar qawwa iżda kultant kien jaf ikun aħrax iżżejjed u kien jispiċċa jagħmel ħwejjeġ bil-goff. Meta kien ikun irrabjat, kien jitfa' s-sajjetti minn idejh u jbeżża' lill-allat l-oħra kollha.

Zeus iżżewweġ lill-alla Hera u kellhom bosta tfal.

Għall-ewwel, l-allat kienu jaħkmu fuq dinja kważi vojta; kien hemm ħafna annimali jiġġerrew iżda bnedmin xejn. L-annimali kienu nħalqu mill-alla Epimeteu. Darba minnhom, Zeus staqsa lil Prometeu li kien jiġi ħu Epimeteu, biex joħloq il-bnedmin sabiex dawn jibdew jgħixu fid-dinja.

Prometeu qabad ftit tajn, għamlu fil-għamla ta' rġiel u nisa fix-xebh tal-allat tagħhom u nefaħ fuqhom biex jagħtihom in-nifs tal-ħajja.

In-nies kienu ferħanin jgħixu f'din id-dinja iżda kien hemm ħaġa waħda li Zeus ma xtaqx li jkollhom dawn – in-nar! Prometeu kien iħobbhom ħafna lin-nies u kien jitħassarhom jarahom jirżħu fil-bard tul l-iljieli qliel tax-xitwa u jieklu l-laħam nej.

Mar fuq il-Muntanja Olimpus u meta ra li ħadd ma kien qed iħares, seraq faħma taqbad mill-palazz ta' Zeus, ħadha għand in-nies u wriehom kif iqabbdu n-nar minnha. Issa l-bnedmin setgħu jieklu ikel imsajjar fuq in-nar u jissaħħnu qrib in-nar barra milli setgħu jaraw aħjar fid-dalma tal-iljieli. Huma kienu grati ħafna lejn Prometeu u qatt ma kienu se jinsew l-għotja fejjieda tiegħu.

Meta Zeus intebaħ bir-riħa tat-tisjir u lemaħ il-ġmamar tan-nirien jagħtu fl-iljieli, malajr induna min kien hemm warajha din il-biċċa tal-għotja tan-nar. Huwa nkorla u għadab għal

